Minuti tal-laqgħa straordinarja numru tnejn u tletin (32) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar il-Ħamis, 4 ta' Marzu 2021 fil-Bini Muniċipali f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Alexander Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| Skużat: | Is-Sur Alan Said | Kunsillier (bagħat jinfurmana li xogħol) |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier (ċempilnielu u qalilna li ma setax jattendi) |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier (bagħtet tinfurmana illi ma setgħetx tattendi) |
| Assenti: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm

**Permess għall-Hill Climb mill-Island Car Club (ICC)**

**32.01** Is-Sindku introduċa s-suġġett u qal illi kien kostrett isejjaħ din il-laqgħa minħabba applikazzjoni għall-*Hill Climb* li l-Kunsill Lokali tar-Rabat għandu quddiemu. **Hill Climb**

Hu qal illi l-ICC applikaw għall-attività tal-*Hill Climb* fl-Imtaħleb fiż-żmien tal-pandemija waqt li n-numri tal-persuni infettati bil-Covid 19 kienu dejjem telgħin fi Frar u Marzu 2021. L-ICC riedu jagħmluha fis-6 u s-7 ta' Marzu 2021 (ara e-mail ta' Jeremy Cassar tal-11 ta' Frar 2021 lill-Għassa tar-Rabat)

Fit-12 ta' Frar il-Pulizija ma sabux oġġezzjoni filwaqt li għamlu kondizzjonijiet speċifiċi lill-ICC.

Waqt din il-laqgħa tal-Kunsill inqraw l-e-mails tal-1 ta' Marzu fejn is-Sur Robert Muscat talabna nirrikunsidraw il-pożizzjoni arbitrarja tagħna għaliex qal li m'għandniex raġunijiet validi biex ma jinħariġx il-permess. F'din l-email kien hemm indikat illi huma kienu se jorganizzaw l-attività fil-Ġnejna minflok, filwaqt li talbu wkoll li jkun organizzat fil-futur *hill climb* f'Fomm ir-Riħ, il-Baħrija. Is-SE ivverifika mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr illi verament kienu ħarġulhom il-permess u rrevokawh eżattament meta tħabbru l-miżuri l-ġodda kontra t-tixrid tal-Covid 19.

Inqraw ukoll l-e-mail bir-risposta legali imħejjija minn Dr Richard Sladden għall-Kunsill Lokali tar-Rabat datata 3 ta' Marzu fejn qal illi kieku ma kienx minħabba n-numri dejjem telgħin tal-Covid 19 il-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kienx se jkollu oġġezzjoni.

Intant, il-kunsillieri rreferew għall-istqarrija pubblika li saret mill-Prim Ministru propju llum stess fejn qal illi 'mass events' għajr dawk ta' tiġijiet u dawk t'attivitajiet reliġjużi, mhux se jkunu tollerati sat-12 ta' April.

Ittieħed il-vot u kien deċiż unanimament illi ma jingħatax il-permess lill-ICC għall-hill climb nhar is-6 u 7 ta' Marzu 2021

Il-laqgħa aġġornat fis-7.30pm għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2021.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 10 ta' Marzu 2021 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku